**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Carmel Grech**
**Vinc (Vincent) Sammut**

**Kumpilazzjoni Numru: 139/16**

**Illum, 3 ta' Lulju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carmel Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 893254M; u Vinc (Vincent) Sammut detentur tal-karta tal-identita` numru 6175M.

Akkuzati talli nhar il-11 ta' Marzu, 2016 gewwa Triq Toni Wizzini, Birkirkara ghall-habta ta' bejn l-16.00hrs u 16.30hrs:

Carmel Grech wahdu talli :

a) Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Berry, skond kif iccertifika Dr. Dalli Badjadi MD Reg. No. 3358 gewwa B'Kara Health Centre, Kap. 9, Art. 218(1)(b),

b) U aktar talli hebb ghal Anthony Berry sabiex jingurjah, idejjqu u jaghmillu hsara,

c) U aktar talli gieghel lil Anthony Berry jibza' illi ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu,

d) U aktar talli bi kliem insulenta u hedded lil Anthony Berry,
e) U aktar talli kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied,

**Vinc (Vincent) Sammut** wahdu talli :

a) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt u cioe' lil Carmel Grech fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat,
Kap. 9, Art. 42(d)

b) U aktar talli bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, zamm lil Anthony Berry kontra l-volonta` tieghu,
Kap. 9, Art. 86,

c) U aktar talli waqt li arresta, zamm jew issekwestra lil Anthony Berry kontra l-volonta` tieghu, saret offiza fuq il-persuna tal-istess Berry jew gie mhedded bil-mewt,
Kap. 9, Art. 87(1)(c),

d) U aktar talli gieghel lil Anthony Berry jibza' illi ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu,

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Anthony Berry jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hatja b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati li bihom intalab li tinstab htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe`:-

**Lil Carmel Grech wahdu:**

a. fl-artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. fl-artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. fl-artikoli 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. fl-artikolu 339(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. fl-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g. fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Lil Vinc (Vincent) Sammut wahdu**

a. fl-artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. fl-artikoli 42(d), 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. fl-artikoli 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. fl-artikoli 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. fl-artikoli 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. fl-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g. fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi mill-provi mismugha hemm tat-tabib li ezamina lill-allegat vittma Anthony Barry u cioe` **Dr. Dalli Badjadi** li xehed li huwa ezamina lil Barry dakinhar tal-allegat reat u rriskontra girfa ta’ cirka zewg centimetri fuq l-ghajn il-leminija li ghaliha sarulha punti hfief, girfa twila fuq idejh tal-lemin u kellu xi ugiegh fix-xedaq u girfa ohra zghira fuq il-minkeb tax-xellug. Illi minhabba l-girfa fuq il-wicc huwa ccertifika li kellu griehi gravi ghaliex din setghet tibqa marka.

Semghet ukoll ix-xiehda tal-parte civile **Anthony Barry** li xehed wara debita twissija li seta’ ma jixhidx ghaliex kien hemm proceduri separati kontrih fuq dan l-incident. Huwa jghid li dakinnhar tal-hdax (11) ta’ Marzu elfejn u sittax (2016) irceva telefonata minghand l-imputat Carmel Grech li rrispondiet is-siehba tieghu fuq xi drenagg. Huwa ddecieda li jmur fuq il-post u hemm sab lill-imputat Grech li gharaf u forsi l-imputat l-iehor li ma kienx cert li kien hu.

Dan jghid illi Grech beda jaffrontah li kien nefaq xi sebghin Ewro minhabba fit-tifel tieghu peress li dahallu d-drenagg fil-garaxx tieghu u meta dan qallu li ma kienx ser ihallsu Grech beda jaghtih u wara gie l-imputat l-iehor izommu meta Grech baqa' jaghtih fuq wiccu u gismu bis-sieq.

Din il-Qorti setghet tikkonstata illi l-girfa allegatament inflitta mill-imputat Grech ma kienitx tidher fuq wicc il-parte civile li kien fl-awla meta huwa xehed.

Rat ir-rapport tal-espert nominat minn din il-Qorti u cioe` **<u>Dr. Mario Scerri</u>** (Dok MS1) li ccertifika li l-gerha fuq il-wicc ta' Barry ma halliet l-ebda marka u ghalhekk ma kienx hemm sfregju fuq il-wicc.

Finalment semghet ix-hiehda tal-imputati odjerni fejn l-imputat **<u>Carmel Grech</u>** irrakkonta x'wassal ghall-incident fejn spjega il-problema li kellu t-tifel tieghu fuq id-drenagg u cempel lill-imputat l-iehor li ma kienx jafu u li kienet tatu t-telefon tieghu wahda mara u dawn marru sabiex jirrangaw il-hsara fid-drenagg fil-garaxxijiet sottostanti ghall-appartamenti fejn anke Barry ghandu appartament hemm. Huwa jghid illi meta gie Barry dan kien arroganti u jghid ukoll:

> ***"Imbaghad kien arroganti, imbaghad mort fejn il-bieb tal-garaxx tieghu, jigifieri kwazi zewg (2) bibien il-boghod mill-garaxx tat-tifel, jesa' zewg (2) karrozzi u beda jghidli: Aqbez il-barra. U jiena harist lejn l-art fid-dlam u kont fl-ghatba, hu qal li dhaltlu fil-garaxx u rega' qalli: Aqbez il-barra. Qabadni minn ghonqi, mexxieni tliet (3) passi lura u jaghfas u gbidtu mieghi biex ma naqax u ghidt issa nixtieq insib il-hajt biex jien mma naqax lura ma l-art. Hu jifgani,***

> ***jifgani, jifgani u habbatni ma bieb mhux mal-hajt imbaghad. Imbaghad ippruvajt innehhilu jdejh ghalxejn, tajtu bis-sieq ghalxejn, imbaghad xejjirt bil-ponn u ghamel hekk u waqa' ma l-art u jien hadt nifs qawwi."***

L-imputat l-iehor **Vincent Sammut** jghid illi huwa gie mqabbad mill-imputat Grech sabiex jirranga il-hsara fid-drenagg. Huwa kkonferma li dan ma kienx jaf la lill-imputat l-iehor u l-anqas lill-parte civile Anthony Barry qabel ma nqala' l-incident. Dan jghid ukoll illi wara li rranga il-hsara gie Barry u beda jghajjar u joffendi lill-imputat Grech u qabdu minn ghonqu u bdew jissieltu u hu mar iferraq. Huwa jghid li ma setax jara aktar minn hekk ghaliex meta nqala' l-argument huwa kien fuq is-sellum u peress li kien dlam ma setax jara hafna.

**Ikkonstatat** illi minghajr hafna dilungar ghaliex il-kaz huwa car hafna illi l-parte civile Anthony Barry mar fuq il-post irrabjat ghall-imputat Grech li qad jaqilghu mid-dar biex imur jara hsara li kienet ta' appartament li huwa kien jikri lil terzi. Il-verzjoni tal-imputat Grech kienet wahda dettaljata hafna u verosimili u dan anke in vista tal-griehi riskontrati mill-parte civile li kienu kompatibbli hafna ma' dak li qal l-imputat Grech u mhux ma dak li kien xehed il-parte civile Anthony Barry li kien allega li l-imputat Grech beda jaghtih bis-sieq u bil-ponn meta dan kien mal-art u l-imputat l-iehor beda jzommu biex jaghtih aktar. Li kieku kienet din il-verita` mela il-parte civile Barry kien ikollu aktar feriti bhal tbengil fuq gismu kollu izda ma kien hemm xejn minn dan.

Minflok dan kellu girfa f'wiccu li x'aktarx saret bin-nuccali tieghu stess meta dawn bdew jissieltu bejniethom li din il-girfa fieqet kompletament u xi zewg girfiet superficjali ohra.

Jinghad li ghalhekk l-imputat Grech ma kellux il-*mens rea* necessarja sabiex jikkaguna griehi lill-parte civile Anthony Barry ghaliex dak li ghamel kien konsegwenza tal-agir tal-istess parte civile u sabiex jiddefendi lilu nnifsu.

Illi ugwalment jinghad ghall-imputat l-iehor Vinc Sammut li f'din l-istorja dahal intortament ghaliex ma kienx jaf lill-partijiet u ghalhekk il-verzjoni tieghu u tal-imputat l-iehor ghandha tigi emmnuta fis-sens illi huwa ma ghamel xejn lill-parte civile Anthony Barry u wisq anqas ma zammu sabiex l-imputat l-iehor ikun jista' jaghtih aktar.

Illi konsegwentement anke l-akkuzi l-ohra fil-konfront tal-imputati jaqghu ghaliex dawn ma gewx ippruvati.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati **Carmel Grech** u **Vinc (Vincent) Sammut** hatja tal-akkuzi fil-konfront taghhom u konsegwentement qeghdin jigu liberati minnhom stante li ma gewx ippruvati.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Doris Serpina**
**Deputat Registratur**